*Kunsill Lokali Marsaskala*
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 06**

**It-Tnejn 11 ta' Novembru 2019**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala ltaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 228 Triq is-Salini Marsaskala fis-6:00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Janice Falzon – Viċi Sindku
Charlot Mifsud – Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Patrick Camilleri-Kunsillier
Ryan Portelli- Kunsillier
Mary Rose Mifsud- Kunsillier
Errol Cutajar - Kunsillier
John Schembri – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**Minuti**

**6.1** ***Qari tal-ittri ta' apoloġiji:***

**6.1.1** Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ma kien hemm l-ebda ittra ta' apoloġija.

**6.2** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 5 tas-7 t'Ottubru 2019:***

**6.2.1** ***Il-Kunsillier s-Sur Charlot Mifsud ppropona l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u l-Viċi Sindku is-Sinjorina Janice Falzon issekondat. Il-votazzjoni kienet 4 favur, 0 kontra u 1 astenzjoni.***

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

**6.2.2** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 2 artiklu 5.3.2 staqsa spjegazzjoni ta' x'bonus ser ikollu l-Kunsill u min ser jiġi imħarrek.

Is-Segretarju Ezekuttiv spjega illi l-persuni li jiġu mħarrka mhux ser ikun il-Kunsill li jħarrikhom izda xi entita bħal LESA.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli daħal għal laqgħa fis-18:13.***

**6.2.3** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 3 artiklu 5.3.4 fejn qal illi l-faċċata tal-latrini hija fuq il-fil u allura m'għandix bzonn tinzebaħ pero minflok il-Kunsill jista jitlob kumpens ieħor.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi tista tinzebaħ il-parti ta' ħdejn il-bins.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi nistgħu nitolbuh jgħamel stone stabilizer.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi stone stabilizer jista jingħata darba kull ħames snin.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi nistgħu nitolbu lill-persuna li ser tagħmel il-waterpoint sabiex itina l-kumpens fi flus fejn nistgħu nuzawh għal manutenzjoni tal-latrina.

- ***Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri daħal għal laqgħa fis-18:16.***

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk dan hux ser ikollu metre għalih għaliex din il-waterpoint ikollha l-pompa magħha li taħdem il-ħin kollu apparti l-konsum ta' ilma.

Is-Sindku qal illi l-post fejn hi maħsuba li ssir ser tkun qed tintuza ħafna mis-sidien tad-dgħajjes.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi dan ser ikollu sub metre u l-kont tad-dawl u l-ilma ma jitħallasx mill-Kunsill.

Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri qal illi tajjeb li nikkonfermaw miegħu għaliex din il-waterpoint taħli ħafna dawl.

Kien hemm qbil unanimu illi nikkomunikaw mal-Kuntrattur rigward is-sub metre.

**6.2.4** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 4 artiklu 5.7.1 u staqsa fiex wasalna rigward il-parkeġġ ġewwa l-iskola l-ġdida.

Is-Sindku qal illi l-Kunsillier Dr Patrick Camilleri ser jitkellem mal-prinċipal għaliex għadu ma tanix risposta, kompla jgħid illi min naħa tagħhom kienu tkellmu mal-LESA u kellhom xi guidelines, pero ma jistgħux imorru lura mill-kelma li kienu tawna illi dak il-parkeġġ ser ikun aċċessibli għar-residenti.

Is-Sindku qal illi diġa għaddiet sena u għadna mingħajr risposta u r-residenti qed jirrikorru għand l-Kunsill sabiex jaraw meta dan il-parkeġġ ser ikun aċċessibli. Huwa zied jgħid li r-residenti diġa f`izjed minn okkazzjoni waħda irreferew għall-midja soċjali fejn jippuntaw subajhom lejn il-Kunsill.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi huma kienu talbu l-Kunsill pjan dettaljat ta' kif ser taħdem is-sistema u l-Kunsill kien bagħat xi ħaġa u issa qed nistennew risposta min naħa tagħhom.

**6.2.5** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 5 artiklu 5.7.3 rigward il-WIFI li maħsub għal Ġnien Alfred Debono u staqsa jekk l-Kunsill jistgħax japplika għal aktar min post wieħed għaliex jekk le hu jħoss li jkun aktar utli jekk isir fi Ġnien Sant Anna.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi għalkemm il-Kunsill jista japplika għal fondi tal-EU hu ma jixtieqx li jgħaddi min proċess tant twil għal proġett ta' ftit flus u allura ser isir mill-fondi tal-Kunsill pero għadu qed jistenna l-istima ta' kemm tiġi tiswa.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hu ma jħossx li għandu jsir il-WIFI fi Ġnien Sant Anna għalissa, imma għandu jsir meta jinbena l-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi jaqbel li jsir meta jinbena l-Kunsill u kompla jgħid illi fil-leġislatura li għaddiet hu kien talab lill-Kunsill sabiex isiru charging points fi Ġnien Alfred Debono pero baqgħu ma sarux u issa hu z-zmien idejali li isiru ukoll mall-WIFI.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi għandna bzonn napplikaw għal metre tal-ilma għaliex issa hemm ħafna pots bil-qsari li jridu jisaqqu ta' spiss.

Kien hemm qbil unanimu li jsiru l-charging points fi Ġnien Alfred Debono u napplikaw għal metre tal-ilma.

**6.2.6** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 5 artiklu 5.7.5 qal illi hemm bzonn li l-organizattur tal-Milied Skaliz japplika minnufih għad-dawl għaliex qegħdin tard.

**6.2.7** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 5 artiklu 5.7.2 jekk hemmx xi zvilupp rigward l-persuna li kella tintagħzel sabiex taħdem fil-Customer care.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-Kunsill għadu mhux infurmat jekk ingħatax din l-iskema.

- ***Il-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud daħlet għal laqgħa fis-18:38.***

**6.2.8** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 5 artiklu 5.7.5 u staqsa fiex waslu l-proċeduri tad-Data Protection Officer.

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmah illi miexi l-proċess.

**6.3** ***<u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>***

**6.3.1** **<u>Kwotazzjoni fliers Futboll Bniet:</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi jekk jaqbel il-Kunsill l-MFA talab sabiex jiġu printjati 2000 flier rigward il-futboll tal-bniet inkluz dak ta' Marsaskala u jitqassmu min naħa tal-MFA.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu ma jsib l-ebda oġezzjoni pero irridu noqgħodu attenti illi jekk ser jiġu għaqdiet oħra sabiex ngħinuhom il-Kunsill ma jistax ma jgħinhomx, hu qal illi jekk din tkun ta' darba m'għandix tkun problema pero jekk tkun xi ħaġa kurrenti hija storja oħra.

Is-Sindku spjega li din hija xi ħaġa edukattiva simili tal-aljevi tas-Soċjeta Muzikali Sant` Anna.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi din hija l-ewwel darba għaliex l-aħħar darba kienet ġabet sponsor ieħor u l-Kunsill kien ħallas għat-tqassim tal-flier biss.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi jekk hi ta' darba ma jsibx problema.

Kien hemm qbil unanimu illi nħallsu tal-printing tal-flier.

**6.3.2 <u>Risposta finali li ser tintbgħat lill-PA rigward l-Eks Jerma:</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qara ir-risposta li ntbgħatet min naħa tal-Kunsill lill Planning Authority rigward d-*development brief*. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-Gvern talab lill PA biex isir d-*development brief* u wara li l-Kunsill kellu laqgħa separata biex jiddiskuti flimkien ħarġu b'dawn l-objectives u hu bagħthom lill-PA.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi fil-kaz tal-lukandi dawn juza il-FAR ratio iġifieri s-sulari li jistgħu jitellaw mhumiex dawk li jistgħu jitellaw għal appartamenti.

Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri qal illi hu jħoss illi l-Kunsill irid jara jekk irridux li dan il-proġett jirnexxi jew le għaliex jekk ser norbtu idejn l-izviluppaturi ser ikollna binja mostruza u mhux binja li tiġbed lin-nies. Dr Camilleri qal illi ma jistax jifhem għalfejn parti minnha ma naqblux li ssir residenzjali dejjem jekk dawn ikollhom il-parkeġġ tagħhom. Hu qal illi irridu niġbdu ċertu nies lejn iz-zona u mhux kif għandna fil-prezent u jekk ser nillimitaw ċertu affarijiet din z-zona mhux ser tkun upgraded għal nies ta' ċertu livell. Dr Camilleri qal illi hemm bzonn li nqajjmu l-lokal. Il-Kunsillier Dr Camilleri staqsa kemm ser ikollha stilel din il-lukanda.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi għad m'għandniex dik l-informazzjoni.

Is-Sindku qal illi l-biza tagħna hi li fil-mument li ser jinbnew appartamenti mal-lukanda dawk li għandhom il-vilel ser jiddeċiedu li jgħamlu l-istess u nispiċċaw kullimkien appartamenti.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal illi jaqbel mall-Kunsillier Dr Patrick Camilleri sa ċertu punt għaliex il-parkeġġ jindika li ser ikun hemm zewġ sulari li meta tikkunsidra l-ħaddiema u r-residenti tal-Hotel ma jifdalx spazzju għar-residenti.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi erbgħin sena ilu isagrifikajna waħda mill-isbaħ zoni fil-Lokal sabiex issir lukanda u mhux ser jaċċetta qatt li din issir parti minnha residenzjali. Hu qal illi fil-lokal diġa għandna ammont kbir ta' appartamenti u ma hemmx bzonn li jkollna aktar. Il-Kunsillier is-Sur Camilleri qal illi l-Lokal ma kienx maħsub li jkun hekk għaliex dan kien post ta' kenn u mistrieħ u ma jistax jifhem b'liema mod ser nqajjmu l-lokal permezz ta appartamenti.

Il-Kunsill qabel li kella tintbagħat ir-risposta tal-Kunsill skond kif kien ġie miftiehem waqt seduta apposta fejn il-Kunsill kien qed joġġezzjona għall-appartamenti u japprova l-bini ta' lukanda filwaqt li jaqbel li jkun hemm zvilupp kummerċjali.

**6.3.3 <u>Planning Control Alignment PC36/19 Triq is-Skiet c/w Sqaq ta' Gidwett (35/4889/19/I):</u>**

Is-Segretarju Ezakuttiv qal illi din PC u mhux applikazzjoni sabiex lindividwu joħroġ aktar il-barra bil-bini.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal li jidher li jrid li l-propjeta tiġi bid-dritt mall-kantuniera.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Errol Cutajar daħal għal laqgħa fis-19:07.***

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi din l-applikazzjoni tista ma tkunx tas-sid biex japplika għaliha.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu ma jinteressahx ta min hi l-propjeta pero li jinkwetaħ hu li d-dħul u l-ħruġ mit-triq ser ikun ristrett anke f'kazijiet ta' emerġenza.

Kien hemm qbil unanimu illi noġġezzjonaw fuq il-bazi li ser jittieħed il-parkeġġ, jkun hemm problema ta' aċċessibilita anke f'kaz ta' emerġenza.

**6.3.4 3D Illustrations of Marsaskala map (35/4890/19/I):**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi il-kumpanija Blues Limited toffri servizz fejn jagħmlu mapep tal-Lokal 3D u joffru anke struttura tal-istainless steel fejn tista tiġi pprezentata fil-lokal, hu qal illi l-ispiza kollha hi ta' madwar €4000 li tkopri l-mappa u struttura pero jekk il-Kunsill jaqbel nixtru biss il-mappa fejn din inkunu nistgħu nesebixxuha f`waħda minn *notice boards* li hemm max-xatt. Is-Sindku qal ukoll li hemm bzonn nitkellmu mal-kumpanija blues ħalli naraw nistgħux nagħmlu prints tagħhom. Jekk irridu wkoll waħda fl-entraturi tar-raħal nistgħu nagħmlu struttura tal-ħadid mill-ħaddiem tal-Kunsill. Is-Sindku zied jgħid illi kif jistabbilixxi l-ispiza ser jara minn fejn ikun jista jġib fondi għalihom.

Kien hemm qbil li ssir laqgħa mas-Sur Soler mill-Blues Ltd fejn nistaqsu jekk nistgħux nutilizzaw din il-mappa biex isiru kopji tagħha.

**6.3.5 Ħarġa għall-Palazz tal-President (35/44872/19/I):**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja informa lill-Kunsill illi min irid jattendi għal din il-ħarġa għandu jinforma lill-Customer Care u l-prezz huwa ta €10 fejn dawn ser jingħataw lura lill-Community Chest Fund u l-Kunsill iħallas għal Coach.

Kien hemm qbil unanimu.

**6.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera:**

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

**6.5 Rapporti:**

**6.5.1 Rapport ta' Kull kwart Lulju sa Settembru 2019:**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech Spjega r-rapport ta' kull kwart.

***Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli ippropona l-approvazzjoni tar-rapport ta' Kull kwart Lulju sa Settembru 2019 u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issekonda. Il-votazzjoni kienet 9 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.***

**6.6 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa:**

Ma kienx hemm items oħra.

**6.7 Korrispondenza.**

**6.7.1 Stima ta' Video Demand kif mitlub mid-DLG (35/4492/19/I):**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi d-Dipartiment tal-Gvern Lokali qed jitolbu aktar rekwiziti fejn jidħol live streaming, apparti il-fatt illi jridu li dan ikun aċċessibli fuq kull mezz ta' komunikazzjoni iġifieri mhux biss min fuq kompjuter izda anke min fuq mobiles eċċ dawn iridu illi kull filmat ta' kull laqgħa jkun on demand fejn dawn il-filmati ser jinzammu fuq l-*cloud* tal-kumpanija. L-istima kienet mingħand Correct Termination Ltd.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi kull membru fil-Kunsill li ser jidher f'dan l-istreaming għandu joqgħod attent ħafna x'jgħid anke minħabba data Protection Act. Il-Kunsillier is-Sur Camilleri qal illi skond il-kwotazzjoni pprezentata l-Kunsill jaqbillu li jmur għal ħlas ta' darba fis-sena.

Kien hemm qbil li l-Kunsill imur għar-rata fis-sena li hija ta' €1050,00(Excl VAT) kif ukoll €250 bħala spiza inizjali.

**6.7.2 PC32/19 Planning Control Alignment fi Triq id-Dolmen k/m Triq il-Qawwara (35/4510/19/I):**

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi din il-PC jidher li l-persuna ser tibni fil-front garden tagħha stess pero ser ikun hemm problema minħabba l-blind spot li ser tiġi krejata la darba il-front garden jinbena.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi irridu noqgħodu attenti mir-residenzi l-oħra li hemm fil-kantunieri għaliex jekk kulħadd ser jibni il-front garden ser tinħoloq problema.

Kien hemm qbil illi l-Kunsill joġġezzjona fuq il-bazi li ser toħloq preċedent fuq il-front gardens u ser jinħoloq ostaklu għal visibilita` tas-sewwieqa.

**6.7.3 Laqgħa ma rapprezentanti tal-istreet Naming Committee fejn talbuna nagħtu isem lil Triq ġdida fiz-zona ta' Malta (35/4549/19/I):**

Il-Kunsill qabel unanimament illi t-triq ikollha l-isem ta' 'Triq id-Difiza Kostali'.

**6.7.4 Proposta mil-works division għal sistema ta' culverts ġodda li minn Triq Guzeppi Spagnol jagħtu għal Triq Sant'Anna, Triq ix-Xatt u finalment għal baħar (35/4798/19/O):**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi hemm problema fi Triq l-Iskal għaliex jinzel ħafna ilma għal ġot-taraġ ta' Triq Sant Anna, hu qal illi suppost għandu jinzel għal ġo Triq ix-Xatt u għalkemm saru diversi tentattivi biex jieqaf jinzel l-ilma kien qed jagħmel ħsara mod ieħor. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-Istorm Water Division qed jissuġerixxu illi jitwessa l-culvert u jħaffru għal ġo Triq Sant Anna u min hemm jibqa nizel għal ġol culvert ħdejn il-binja li qed tinbena ħdejn il-Brighton. Kompla jgħid illi hemm problema minħabba li ħafna mir-ristoranti għandhom il-kċina taħt it-triq.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi fejn qed jindikaw huma jidher li ma hemmx problema bir-ristoranti.

Kien hemm qbil unanimu illi nkellmu lill-Storm Water Division u nistaqsu jekk dan il-proġett jistgħax isir bil-fondi tal-EU. Filkas il-Kunsill jaqbel li jsir dan il-proġett.

**6.7.5 Korrispondenza mil-Kunsill Lokali tal-Qala biex insaħħu l-ġemmellaġġ li hemm bejnitna (358/4723/19/I):**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-Kunsill kien ġemellatt mal-Kunsill Lokali tal-Qala mill-2009 u rċivejna korrispondenza mingħandhom fejn qed jissuġerixxu illi jerġgħu jiltaqgħu mall-Kunsill biex insaħħu dan il-ġemellaġġ.

Il-Viċi Sindku qalet illi tajjeb naraw jekk jixtiequx li jiġu u jġibu xi nies għal attivita tal-Milied Skaliz.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**6.7.6** **Ġbir ta' skart Nhar it-Tnejn, possibilta' li tinġabar il-borza sewda qabel il-bajda (35/4747/19/I):**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi Kull Nhar ta' Tnejn ikun hawn il-ġbir tal-borza s-sewda u l-borza organika u irridu illi l-borza organika tinġabar qabel dik sewda.

Kien hemm qbil unanimu.

**6.7.7** **Mdina attractions (35/4698/19/I):**

Is-Segretarju Ezekuttiv spjega illi l-Kunsill irċieva korrispondenza fejn qed jinfurmaw lill-iskejjel bi prezzijiet speċjali għal-istudenti biex izuru attrazzjonijiet fl-Imdina.

Il-Kunsill qabel illi joffri liz-zewġ skejjel f'Marsaskala b`servizz ta` coach waħda sabiex ikun jista jwassal lill-istudenti għal din l-attivita' u lura.

**6.7.8** **Development Brief Ex Jerma (35/4657/19/I):**

Dan is-suġġett ġie diskuss f'punt numru 6.3.2.

**6.7.9** **Dekasteri:**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi irċivejna mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn infurmawna illi l-Kunsill irrid jirranġa t-tqassim tad-dekasteri u kull dekasteru ikun għand persuna waħda biss.

Il-Kunsill qabel illi d-dekasteri jitqassmu kif ġej:

**Indafa** – is-Sindku s-Sur Mario Calleja, **Amjent**- il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon, **Zagħzagħ u tfal** – Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli, **Sports**- Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon, **Innovazzjoni** – is-Sur Patrick Camilleri, **Infrastruttura** – Il-Kunsillier Perit John Schembri, **Proġetti** – Is-Sindku s-Sur Mario Calleja, **Anzjani** – Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud, **Edukazzjoni** – Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud, **Kultura** – il-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud, **Komunitajiet** – Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud, **Qasam Soċjali** – il-Kunsillier Dr Errol Cutajar, **Integrazzjoni Soċjali** – Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri, **Ħarsien tal-annimali** Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon.

**6.8** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti:**

**6.8.1** Is-Segretarju Ezekuttiv pprezenta l-petty cash tax-xahar ta' Ottubru 2019.

**6.8.2** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lista ta' pagamenti li daħlu b'urġenza u li ser jitressqu f'din is-seduta.

- Comtec Professional – Pest control service at Training centre - €95.00
- NVC Trading – Consumables - €61.95
- Correct Termination Ltd – Provision of streaming - €1044.30
- Alan Spiteri Mini Bus Service – Transport Services Marsaskala – Kastilja u lura - €82.60
- Union Print – Volume of binding - €33.60
- Comsec – Telephone system - €159.30
- Racs Cleaning – Cleaning of Council - €210.63
- Expose Signs – A4 table flags - €21.24
- Toni's Wines and Spirits – Water for Council - €148.50

**6.8.3** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq pagament numru 494 għaliex il-kont huwa għoli daqshekk.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-pagament fih diversi xogħolijiet li saru mill-Perit fosthom dak li sar fuq il-bini tal-Kunsill li kien l-aktar pagament għoli u dan skond l-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt.

**6.8.4** **<u>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq pagament numru 576.</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech infurmah illi dak il-pagament għal rapport li sar fuq il-load tal-elettriku għal bini tal-Kunsill il-ġdid li ntalab mill-Perit tagħna.

***Il-Kunsillier Dr.Errol Cutajar ippropona l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier Dr. Patrick Camilleri issekonda. Il-votazzjoni kienet 9 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.***

**6.9** **<u>Mozzjonijiet:</u>**

**6.9.1** **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- is-Sur John B Camilleri u ssekondata mis-Sindku (017 – 21/9/19):</u>**

*"Jipproponi li fid-dawl ta' rapport mill-operaturi tal-gaġeġ tal-ħut u wara dak li ġara fl-aħħar ġimgħa t'Awwissu l-Kunsill jieħu azzjoni konkreta sabiex dan l-abbuz jiġi eliminat."*

Din il-mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Dr Errol Cutajar.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi operatur wieħed biss mhux qiegħed jaderixxi mar-regolamenti.

Kien hemm qbil unanimu illi nkellmu lill Planning Authority u ninfurmawha illi ma rridux li dan l-operatur jibqa jopera fiz-zona tagħna jekk mhux se jimxi mar-regolamenti.

- ***<u>Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli ħareġ mil-laqgħa fid-8:55pm.</u>***

**6.9.2** **<u>Mozzjoni mressqa mill-Vici Sindku- is-Sinjura Janice Falzon (018 – 21/9/19):</u>**

*"Tipproponi li c-central strip li hemm fiha 2 Washingtonia, San Tumas tiġi irranġata u ssirilha embellishment ambjentali aħjar."*

Din il-mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud.

Kien hemm qbil unanimu.

**6.9.3** **<u>Mozzjoni mressqa mill-Vici Sindku- is-Sinjura Janice Falzon (019 – 21/9/19):</u>**

*"Tipproponi li ilmenti li jidħlu fuq il-paġna tal-Kunsill privatament (messenger), min għandu l-aċċess hu inkarigat li jirrispondi dawn l-ilmenti, jidderiġi ilmenti sensittivi lill-Kunsillier inkarigat minn tali qasam."*

Din il-mozzjoni ġiet irtirata.

**6.9.4** **<u>Mozzjoni mressqa mill-Vici Sindku- is-Sinjura Janice Falzon (020 – 22/9/19):</u>**

*"Tipproponi li li l-bankina ta' mal-Magħluq i.e. Triq il-Gardiel tiġi rranġata għaliex fiha ħafna diffetti, jiġu insatallati bins (waste) għaliex kull ma hemm huwa wieħed tal-klieb u jabbuzaw ħafna fih apparti li taħt il-bankina jkun kollu skart u jsiru filters tan-nett fejn hemm il-bokkok ta' l-istorm water għal ġol-magħluq. Dan biex intaffu milli jinzel skart li jagħmel ħsara lill-buzaqq u affarijiet oħra."*

Din il-mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud.

Kien hemm qbil unanimu illi tiġi irranġata l-bankina u jitwaħħlu l-bins.

**6.9.5** **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- is-Sur John B Camilleri (021 – 30/10/19):</u>**

"Jipproponi illi peresli dawn l-aħħar snin ġewwa Marsaskala feġġet problema li qiegħda tigrava is-sitwazzjoni tat- traffiku u iktar min hekk tal-ipparkjar ta' vetturi privati u tista tgħid madwar il-Lokal kollhu kemm hu l-Kunsill kien talab għal Masterplan kemm-il darba peress li l-aħħar wieħed li sar kien madwar għaxar snin ilu u min dak in-nhar l'hawn sar ħafna tibdil. Għalhekk il-Kunsill għandu jagħmel talba formali lill-Awtorita` tal- ippjanar sabiex sakemm ikun magħruf ezatt x'inhu l-pjan ikunu iffrizati dawk it-talbiet u applikazzjonijiet għal kwalunkwe zvilupp kummerċjali jew ta' ċertu kobor jew daqs stabilita` sakemm ikun magħruf dan il-pjan għal Marsaskala qabel ikun tard wisq."

Din il-mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Dr Errol Cutajar.

Kien hemm qbil unanimu.

**6.9.6** **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- is-Sur John B Camilleri (022 – 30/10/19):</u>**

Din il-mozzjoni ġiet irtirata peress li hi rrepetuta.

**6.9.7** **<u>Mozzjoni mressqa mill-Vici Sindku- is-Sinjura Janice Falzon u ssekondata mill-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud u l-Kunsillier Dr Patrick Camilleri (023 – 1/11/19):</u>**

"Tipproponi illi li l-mozzjoni li kienet għaddiet pproponuta mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud numru 013 rigward central strips u corner pockets jiġu mħaddra b'turf artifiċjali tiġi mibdula u minflok jekk għandu jsir tħaddir isir b'turf mhux artificjali u fjuri selvaġġi u pjanti oħra addatati."

Kien hemm qbil unanimu illi minflok turf nagħmlu sukkulenti.

**6.9.8** **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- is-Sur Ryan Portelli (024 – 4/11/19):</u>**

"Jipproponi li jressaq għad-diskussjoni l-possibilta' li terġa' tinfetaħ il-*bicycle lane* matul Triq is-Salini f'ħinijiet stipulati, kif jidhru hawn isfel jew oltre', biex jingħata lura spazju għall-passatemp taċ-ċikliżmu, filwaqt li f'ħinijiet fejn l-aktar ikun hawn nuqqas ta' spazju ta' parkeġġ, nipprovduh ukoll. Permezz ta' dan, inkunu qed insibu bilanċ sostenibbli. Fix-Xitwa mit-Tnejn sas-Sibt mit-8.00 – 15.00 u l-Ħadd mit-8.00-11:00, fis-sajf mit-Tnejn sal-Ġimgħa mit-8.00 – 15.00 u s-Sibt mit-8.00 – 11.00."

Din il-mozzjoni ġiet irtirata.

**6.9.9** **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- is-Sur John B Camilleri (025 – 4/11/19):</u>**

"Jipproponi li fil-car park u fil-Main entrance tal-Football Ground ninstallaw *reflectors* sabiex intaffu l- problema li hemm ta' nuqqas ta' dawl adekwat."

Din il-mozzjoni ġiet issekondata mis-Sindku s-Sur Mario Calleja.

Kien hemm qbil unanimu illi jsiru 2 reflectors mill-Kunsill u l-poles isiru mill-Enemalta.

**6.9.10** **<u>Mozzjoni mressqa mill-Vici Sindku- is-Sinjura Janice Falzon (026 – 5/11/19):</u>**

"Tipproponi li f'Marsaskala jkollna servizz ta' D.S.U - District Surveillance Unit. Dan huwa in vigore f'lokalitajiet oħra mill-Korp tal-Pulizija u huwa effettiv immens. Tipproponi wkoll li l-uffiċjali fi ħdan dan is-servizz jekk dejjem naqblu, inkunu aħna li nirrikomandaw uffiċjali li jafu l-lokalita' tagħna u l-komunita' tagħha.''

Din il-mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud.

Kien hemm qbil unanimu

6.9.11 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- Dr Patrick Camilleri u ssekondata mill-Viċi Sindku s-Sinjura Janice Falzon (027 – 5/11/19):**

"Jipproponi li jsir studju fuq il-postazzjoni tat-traffic lights ta' ħdejn ir-razzett tal-ħbiberija. Dan qiegħed nagħmlu fil-kuntest li l-popolazzjoni residenzjali f'Bellavista qiegħda tikber u qiegħed ikun diffiċli kważi f'kull ħin tal-ġurnata li karozzi joħorġu minn, jew jitilgħu lejn Bellavista speċjalment meta jkunu ġejjin minn naħa tal-bajja.''

Sar qbil li ninfurmaw lill Transport sabiex it-traffic light ta' ħdejn ir-razett tigi irranġata b'ta li mod li jsiru traffic lights fi Triq il-Ġemmugħa biex ikun hemm traffic flow tajba biex dawk ta' Triq il-Ġemmugħa jkunu jistu joħorġu għal Triq Sant Antnin.

6.9.12 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- Dr Patrick Camilleri u ssekondata mill-Viċi Sindku s-Sinjura Janice Falzon (028 – 5/11/19):**

"Jipproponi li jiġu ntrodotti b'mod immedjat magni tal-credit cards fil-Kunsill. Dan qiegħed nagħmlu minħabba l-fatt li l-ammont ta' flus kontanti li jkollhom is-segretarji tagħna minn ħlasijiet mill-lokal jista jpoġġihom fil-mira u f'sitwazzjoni perikoluza ta' serq b'detriment għalihom. Nitlob ukoll li ħlasijiet li ma jkunux eżatt ma jiġux aċċettati iżjed.''

Kien hemm qbil unanimu.

6.10 **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta jmiss:**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-9.00pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir it-Tnejn 9 ta' Diċembru 2019 fis-6:00pm.

Ikkonfermat illum 11 ta' Novembru 2019.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| _______________ | ________________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |